2024/2643

9.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2643

tat-8 ta' Ottubru 2024

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-2013, il-Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, Valery Gerasimov, irrakkomanda bidla fit-tipi ta' operazzjonijiet tal-gwerra li jintużaw mill-Federazzjoni Russa u l-użu ta' miżuri politiċi, diplomatiċi u oħrajn mhux militari flimkien mal-użu tal-forza militari. Gerasimov iddikjara li l-ispazju tal-informazzjoni jiftaħ possibbiltajiet asimmetriċi wiesgħa biex jitnaqqas il-potenzjal tal-ġlied tal-għadu.

(2) Fil-21 ta' Settembru 2021, fis-sentenza tagħha fil-kawża ta' Carter v ir-Russja (20914/07), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonkludiet li Alexander Litvinenko ġie avvelenat minn żewġ individwi li kienu qed jaġixxu taħt id-direzzjoni jew il-kontroll tal-awtoritajiet Russi.

(3) Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew, f'riżoluzzjoni tiegħu dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluż id-diżinformazzjoni, iddikjara li r-Russja kienet qed tinvolvi ruħha f'diżinformazzjoni ta' malizzja u kobor bla preċedent kemm fost il-mezzi tal-media tradizzjonali kif ukoll fil-pjattaformi tal-media soċjali, sabiex tqarraq biċ-ċittadini tagħha f'pajjiżhom u bil-komunità internazzjonali lejliet u matul il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Il-Parlament Ewropew issottolinja li r-Russja hija wieħed mill-pajjiżi li kellhom fil-mira tagħhom ġurnalisti u avversarji fl-Unjoni.

(4) Fl-10 ta' Mejju 2022, l-Unjoni u s-sħab internazzjonali tagħha kkundannaw bil-qawwa l-attività ċibernetika malizzjuża mwettqa mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, li kellha fil-mira n-network satellitari KA-SAT, proprjetà ta' Viasat. Dak l-attakk ċibernetiku seħħ siegħa qabel l-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022, u b'hekk iffaċilita l-aggressjoni militari, u kien eżempju ieħor tax-xejra ripetittiva tar-Russja ta' mġiba irresponsabbli fiċ-ċiberspazju.

(5) Fid-19 ta' Lulju 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ikkundanna l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi mwettqa fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u l-attakki distribwiti ta' ċaħda ta' servizz kontra diversi Stati Membri u sħab iddikjarati minn gruppi ta' hackers favur ir-Russja.

(6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea nnota li waqt li d-definizzjonijiet tat-theddidiet u l-kampanji ibridi jistgħu jvarjaw, jeħtieġ li jibqgħu flessibbli biex jippermettu reazzjonijiet xierqa għan-natura li qed tevolvi ta' dawk it-theddid. F'dak il-kuntest, il-Kunsill ħa nota tal-kunċettwalizzazzjoni ta' "theddid ibridu" u "kampanja ibrida" pprovduti mill-Kummissjoni u miċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu fil-pubblikazzjoni "The landscape of Hybrid Threats: A Conceptual Model" (Ix-xenarju tat-Theddid Ibridu: Mudell Kunċettwali).

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2022, kif ukoll dawk tat-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill tenna l-appell lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw għażliet, li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, għal miżuri definiti sew li jistgħu jittieħdu kontra atturi involuti fil-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u Interferenza minn Barranin ("FIMI") meta jkun neċessarju li jiġu protetti l-ordni pubbliku u s-sigurtà fl-Unjoni.

(8) Fi Frar 2023, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ppubblika rapport dwar it-theddid tal-FIMI, fejn iddefinixxa l-FIMI bħala xejra ta' mġiba fil-biċċa l-kbira mhux illegali li thedded jew li għandha l-potenzjal li tħalli impatt negattiv fuq il-valuri, il-proċeduri u l-proċessi politiċi. Tali attività hija ta' natura manipulattiva u mwettqa b'mod intenzjonat u kkoordinat minn atturi statali jew mhux statali, inkluż il-forzi bi prokura tagħhom ġewwa u barra mit-territorju tagħhom stess.

(9) Fit-3 ta' Frar 2023, f'dikjarazzjoni wara l-24 summit bejn l-UE u l-Ukrajna, l-Unjoni kkonfermat mill-ġdid is-solidarjetà tagħha mal-Ukrajna fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu u l-attakki ċibernetiċi u l-impenn tagħha li tkompli l-appoġġ tagħha f'dan ir-rigward. L-Unjoni u l-Ukrajna rrikonoxxew l-importanza tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza Russi kkontrollati mill-Istat, inkluż id-diżinformazzjoni, kif ukoll il-bini tar-reżiljenza fit-trasformazzjoni diġitali tal-Ukrajna.

(10) Fl-1 ta' Ġunju 2023, il-Parlament Ewropew f'riżoluzzjoni dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni, inkluż id-diżinformazzjoni, enfasizza li r-Russja tuża firxa ta' metodi differenti ta' interferenza, inkorporati fi strateġija akbar, biex tagħmel ħsara, tħawwad, taħbi, iddgħajjef u tifred lill-Istati Membri u l-viċinat tagħha.

(11) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-attakki ibridi kollha, inkluż l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi, u ddikjara li jibqa' determinat li jiżgura kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew issottolinja li l-Unjoni tinsab determinata li tiġġieled fil-fruntieri esterni tagħha l-attakki ibridi li għaddejjin mnedija mill-Federazzjoni Russa.

(12) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 u t-18 ta' April 2024, il-Kunsill Ewropew issottolinja, fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej, id-determinazzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jrażżnu kwalunkwe riskju li jirriżulta mill-FIMI fil-proċessi elettorali.

(13) L-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([1]), tista' tpoġġi f'riskju l-funzjonijiet essenzjali ta' Stat Membru, inkluż iż-żamma tal-ordni pubbliku jew is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tiegħu.

(14) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Mejju 2024, il-Kunsill irrikonoxxa li l-atturi statali u mhux statali qed jużaw dejjem aktar tattiċi ibridi, li joħolqu theddida dejjem akbar għas-sigurtà tal-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha u appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-ħidma biex jimmonitorjaw it-tentattivi minn atturi barranin biex jinterferixxu fil-proċess demokratiku tal-Unjoni.

(15) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2024, il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa t-tipi kollha ta' attivitajiet ibridi, li qed jiżdiedu u huma mmirati lejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha, inkluż l-intimidazzjoni, is-sabotaġġ, is-sovverżjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, id-diżinformazzjoni, l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi, u enfasizza li r-Russja intensifikat il-kampanja tagħha b'operazzjonijiet attivi ġodda fit-territorju Ewropew. Il-Kunsill Ewropew appella, fost l-oħrajn, biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma fil-Kunsill biex jiġi stabbilit reġim ġdid ta' sanzjonijiet fid-dawl tat-theddid ibridu.

(16) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri restrittivi kontra persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għall-implimentazzjoni jew l-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-valuri fundamentali tal-Unjoni u s-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha, kif ukoll l-istabbiltà, is-sigurtà jew l-indipendenza tal-Istati Membri tagħha, ta' organizzazzjoni internazzjonali jew ta' pajjiżi terzi, jew is-sovranità tal-Istati Membri jew pajjiżi terzi. Tali miżuri restrittivi mmirati ser isegwu l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u jikkontribwixxu għall-azzjonijiet tal-Unjoni biex tissalvagwardja l-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha, biex tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, u biex tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-punti (a) sa (c) tal-Artikolu 21(2) TUE.

(17) Tali miżuri huma konsistenti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà, kif rikonoxxut fl-Artikoli 11, 16 u 17 tagħha. B'mod partikolari, tali l-miżuri ma jimmodifikawx l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 6 TUE, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u fil-kostituzzjonijiet tal-Istati Membri, fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li tindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1359, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1359/oj).

(18) Sabiex tiżdied il-konsistenza bejn ir-reġimi ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u ma' dawk il-miżuri adottati mill-KSNU jew mill-Kumitati tas-Sanzjonijiet tiegħu, u biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem, huwa xieraq li tiġi introdotta eżenzjoni mill-miżuri ta' ffriżar tal-assi applikabbli għal, u r-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta', persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi ddeżinjati taħt din id-Deċiżjoni, għall-benefiċċju tal-atturi msemmija fil-UNSCR 2664 (2022), organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tkun tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja, organizzazzjonijiet u aġenziji li jkunu ġew iċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru, u l-aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu ta' deroga għal dawk l-organizzazzjonijiet u l-atturi involuti f'attivitajiet umanitarji li ma jistgħux jibbenefikaw minn dik l-eżenzjoni. Il-Kunsill iqis ukoll li jenħtieġ li jiġi applikat mekkaniżmu ta' deroga, minflok l-eżenzjoni, f'każijiet fejn il-Kunsill ikun iddetermina li jkun meħtieġ skrutinju mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali minħabba riskju ogħla li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi pprovduti jintużaw ħażin għal finijiet oħra li ma jkunux ta' assistenza umanitarja.

(19) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni fiżiċi, kif elenkati fl-Anness, li:

(a) huma responsabbli għal, li jimplimentaw, jappoġġaw, jew jibbenefikaw minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tat-tfixkil jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jew jippruvaw jiddestabbilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' dimostrazzjonijiet vjolenti;

(iii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' atti ta' vjolenza, inkluż attivitajiet li jsikktu, jintimidaw, jisforzaw, jew iwasslu għal tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Federazzjoni Russa;

(iv) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza koordinati;

(v) l-ippjanar ta' kwalunkwe azzjoni mmirata kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku, id-direzzjoni tagħha, l-involviment, dirett jew indirett fiha, jew l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tagħha, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew bl-għan li jinterferixxu ma' infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura sottomarina, jagħmlulha ħsara jew jeqirduha, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi bħala parti minn attivitajiet ibridi;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-istrumentalizzazzjoni ta' migranti kif imsemmija fl-Artikolu 1(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1359;

(vii) l-isfruttar ta' kunflitt armat, instabbiltà jew insigurtà, inkluż permezz ta' sfruttament jew kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali u ħajja selvaġġa f'pajjiż terz;

(viii) l-inċitament jew l-iffaċilitar ta' kunflitt armat f'pajjiż terz;

(b) huma assoċjati mal-persuni fiżiċi elenkati fil-punt (a);

(c) jappoġġaw lill-persuni fiżiċi involuti f'attivitajiet imsemmija fil-punt (a).

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru li jirrifjuta d-dħul liċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet li fihom Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-Nazzjonijiet Uniti (NU), jew taħt l-awspiċji tagħha;

(c) bi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konklużmis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll meta Stat Membru jkun pajjiż ospitanti tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' bżonn umanitarju urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza għal laqgħat intergovernattivi, jew dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza attwali tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament l-objettivi ta' politika ta' dawk il-miżuri.

7. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti skont il-paragrafu 1 fejn id-dħul jew it-tranżitu jkun neċessarju għall-fini ta' proċess ġudizzjarju, inkluż il-proċeduri ta' konsenja u estradizzjoni.

8. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 jew 7 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. Eżenzjoni għandha titqies li tkun ingħatat sakemm ma joġġezzjonax membru wieħed jew aktar tal-Kunsill bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tasal in-notifika dwar l-eżenzjoni proposta. Jekk membru wieħed jew aktar tal-Kunsill iqajmu oġġezzjoni, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

9. Fejn, skont il-paragrafu 3, 4, 6, 7 jew 8, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-tranżitu minnu, ta' persuna elenkata fl-Anness, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija lill-persuna kkonċernata minnha.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma:

(a) responsabbli għal, li jimplimentaw, jappoġġaw, jew jibbenefikaw minn azzjonijiet jew politiki mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Unjoni, jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, f'organizzazzjoni internazzjonali jew f'pajjiż terz, jew li jdgħajfu jew jheddu s-sovranità jew l-indipendenza ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, jew ta' pajjiż terz, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(i) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tat-tfixkil jew l-imminar tal-proċess politiku demokratiku, inkluż billi jostakolaw jew jimminaw l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet jew jippruvaw jiddestabbilizzaw jew iwaqqgħu l-ordni kostituzzjonali;

(ii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' dimostrazzjonijiet vjolenti;

(iii) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor ta' atti ta' vjolenza, inkluż attivitajiet li jsikktu, jintimidaw, jisforzaw, jew iwasslu għal tpattija kontra persuni li jikkritikaw l-azzjonijiet jew il-politiki tal-Federazzjoni Russa;

(iv) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment, dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza koordinati;

(v) l-ippjanar ta' kwalunkwe azzjoni mmirata kontra l-funzjonament ta' istituzzjonijiet demokratiċi, attivitajiet ekonomiċi jew servizzi ta' interess pubbliku, id-direzzjoni tagħha, l-involviment, dirett jew indirett fiha, jew l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tagħha, inkluż permezz ta' dħul mhux awtorizzat fit-territorju ta' Stat Membru, inkluż l-ispazju tal-ajru tiegħu, jew bl-għan li jinterferixxu ma' infrastruttura kritika, inkluż l-infrastruttura sottomarina, jagħmlulha ħsara jew jeqirduha, inkluż permezz ta' sabotaġġ jew attivitajiet ċibernetiċi malizzjuži bħala parti minn attivitajiet ibridi;

(vi) l-ippjanar, id-direzzjoni, l-involviment dirett jew indirett fi, l-appoġġ jew l-iffaċilitar b'xi mod ieħor tal-istrumentalizzazzjoni ta' migranti kif imsemmija fl-Artikolu 1(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/1359;

(vii) l-isfruttar ta' kunflitt armat, instabbiltà jew insigurtà, inkluż permezz ta' sfruttament jew kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali u ħajja selvaġġa f'pajjiż terz;

(viii) l-inċitament jew l-iffaċilitar ta' kunflitt armat f'pajjiż terz;

(b) assoċjati mal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fil-punt (a);

(c) jappoġġaw lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti f'attivitajiet imsemmija fil-punt (a);

kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li jsiru disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu bħala xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati jkunu:

(a) neċessarji biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi ta' kustodja jew ġestjoni normali ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati;

(d) neċessarji għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni; jew

(e) iridu jitħallsu fi jew jinħarġu minn kont ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għall-finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew l-uffiċċju konsulari jew l-organizzazzjoni internazzjonali;

(f) neċessarji għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew pajjiżi sħab fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew

(g) neċessarji għall-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika minn operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni, u għall-forniment ta' faċilitajiet u servizzi assoċjati neċessaarji għat-tħaddim, il-manutenzjoni u s-sigurtà ta' tali servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3 fi żmien ġimgħatejn minn dik l-awtorizzazzjoni.

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-soġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu ser jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 5 fi żmien ġimagħtejn minn dik l-awtorizzazzjoni.

7. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati milli jagħmlu pagament dovut skont kuntratt li jkunu daħlu għalih qabel id-data li fiha t-tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fl-Anness, dment li l-Istat Membru kkonċernat ikun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1.

8. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew

(c) pagamenti dovuti skont deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali li ngħataw fl-Unjoni jew li huma eżegwibbli fl-Istat Membru kkonċernat;

dment li kwalunkwe tali mgħax, dħul ieħor u pagament bħal dan jibqa' soġġett għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

1. L-Artikolu 2(1) u (2) ma għandux japplika għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu neċessarji biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jappoġġaw attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

(a) in- NU, inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħha;

(b) organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-NU u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;

(d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-NU, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati tan-NU, appelli oħra tan-NU jew raggruppamenti umanitarji koordinati mill-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji;

(e) organizzazzjonijiet u aġenziji li lilhom l-Unjoni tkun tat iċ-Ċertifikat ta' Sħubija Umanitarja jew li jkunu ċċertifikati jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità ma' proċeduri nazzjonali;

(f) aġenziji speċjalizzati tal-Istati Membri; jew

(g) impjegati, benefiċjarji, sussidjarji jew sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) waqt li u sakemm ikunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet.

2. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi identifikati b'asterisk fl-Anness.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, u b'deroga mill-Artikolu 2(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew id-disponibbiltà ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, skont il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-forniment ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi jkun neċessarju biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jsostnu l-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem.

4. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva, talba għall-informazzjoni jew notifika għal iktar żmien mill-awtorità kompetenti rilevanti fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mid-data tal-wasla ta' talba għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, dik l-awtorizzazzjoni għandha titqies li ngħatat.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu fi żmien 4 ġimgħat minn tali awtorizzazzjoni.

Artikolu 4

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), għandu jiddeċiedi li jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1, inkluż ir-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernati, kemm direttament jekk l-indirizz ikun magħruf, jew inkella permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tipprovdi lil tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp b'opportunità li jippreżentaw xi osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati xi osservazzjonijiet jew evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jirrieżamina d-deċiżjoni skont il-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikkonċernati kif meħtieġ.

Artikolu 5

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1 u 2.

2. L-Anness għandu jinkludi, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni neċessarja għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet u l-psewdonomi; id-*data* u l-post tat-twelid; in-nazzjonalità; in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità; il-ġeneru; l-indirizz, jekk ikun magħruf; u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, gruppi, entitajiet jew korpi, din l-informazzjoni tista' tinkludi: l-ismijiet; il-post u d-data tar-reġistrazzjoni; in-numru tar-reġistrazzjoni; u l-post tan-negozju.

Artikolu 6

1. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw *data* personali sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom skont din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari:

(a) fir-rigward tal-Kunsill, għat-tħejjija u l-emendar tal-Anness;

(b) fir-rigward tar-Rappreżentant Għoli, għat-tħejjija ta' emendi għall-Anness.

2. Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli jistgħu jipproċessaw, fejn applikabbli, *data* rilevanti relatata ma' reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi elenkati, ma' kundanni kriminalita' tali persuni jew ma' miżuri ta' sigurtà li jikkonċernaw lil tali persuni, biss sa fejn dan l-ipproċessar ikun neċessarju għat-tħejjija tal-Anness.

3. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli huma maħtura bħala "kontrolluri" fis-sens tal-Artikolu 3, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), sabiex jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont dak ir-Regolament.

Artikolu 7

1. L-ebda pretensjoni marbuta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni li l-prestazzjoni tagħhom tkun ġiet affettwata, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont din id-Deċiżjoni, inkluż pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew għall-pagament ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-punt (a), jew f'isimhom.

2. Fi kwalunkwe proċedura għall-eżekuzzjoni ta' pretensjoni, l-oneru tal-prova li l-issodisfar tal-pretensjoni mhux ipprojbit bil-paragrafu 1 għandu jkun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, il-grupp, l-entità jew il-korp li jkunu qed ifittxu l-eżekuzzjoni ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-gruppi, l-entitajiet u l-korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tan-noneżekuzzjoni ta' obbligi kuntrattwali f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, bil-ħsieb jew intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni, inkluż bil-parteċipazzjoni f'tali attivitajiet mingħajr it-tfittxija b'mod deliberat ta' dak l-għan jew l-effett iżda bl-għarfien li l-parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-għan jew l-effett u l-aċċettazzjoni ta' dik il-possibbiltà.

Artikolu 9

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sad-9 ta' Ottubru 2025.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li ma jkunux intlaħqu l-objettivi tagħha.

L-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3, fir-rigward tal-Artikolu 2(1) u (2), għandhom jiġu rieżaminati f'intervalli regolari u mill-inqas kull tnax-il xahar jew fuq talba urġenti ta' kwalunkwe Stat Membru, tar-Rappreżentant Għoli jew tal-Kummissjoni wara bidla fundamentali fiċ-ċirkostanzi.

Artikolu 11

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ANNESS

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 1(1) u 2(1)

(…)